



Linji Gwida tal-ABE
dwar
I-Approċċ ta' Kejl Avvanzat (AMA) -
Estensjonijiet u Bidliet
(EBA/GL/2012/01)

Londra, 6 ta' Jannar 2012

Linji Gwida tal-EBA dwar l-Approċċ ta' Kejl Avvanzat (AMA) Estensjonijiet u Bidliet (EBA/GL/2012/01)

Status tal-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih il-linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (*Ir-Regolament tal-EBA*). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u parteċipanti fis-swieq finanzjarji jridu jagħmlu kull ma li jistgħu biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-fehma tal-ABE dwar il-prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif għandha tiġi applikata l-liġi tal-Unjoni f'qasam partikulari. Għaldaqstant l-ABE tistenna li kull awtorità kompetenti u parteċipant fis-swieq finanzjarji li għalihom japplikaw il-linji gwida jikkonformaw mal-linji gwida sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor. L-awtoritajiet kompetenti li japplikaw għalihom dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew ir-regoli u/jew il-gwida superviżorji jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn linji gwida partikulari fi ħdan id-dokument ikunu maħsuba primarjament għall-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' Rapportar

3. L-awtoritajiet kompetenti jridu jgħarrfu lill-ABE dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunx biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sas-6 ta' Marzu 2012. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tintbagħat il-formola li tinsab fis-Sezzjoni V ta' dan id-dokument fuq compliance@eba.europa.eu. In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni li jkun awtorizzati jinnotifikaw lill-ABE f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Jekk jogħġbok żomm f'moħħok li metodi oħrajn ta' komunikazzjoni ta' din il-konferma ta' konformità, bħal pereżempju komunikazzjoni fuq indirizz tal-posta elettronika differenti minn dan ta' hawn fuq, jew b'posta elettronika li jkunx fiha l-formola meħtieġa, ma għandhomx jiġu aċċettati bħala validi.

4. In-notifika tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-ABE, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-EBA.

Fi ħdan it-test tal-Linji Gwida li ġej, xi kultant ser jiġu pprovduti spjegazzjonijiet oħrajn dwar aspetti speċifiċi tal-linji gwida, li joffru eżempji jew inkella jispjegaw il-motivazzjoni tad-dispożizzjoni. F'dawn il-każi dan it-test spjegattiv jidher f'kaxxa b'qafas.

Kontenuti

Titolu I - Suġġett u kamp ta' applikazzjoni.....	4
Suġġett	4
Kamp ta' applikazzjoni u livell ta' applikazzjoni	4
Titolu II- Rekwiżiti dwar estensjonijiet u bidliet fl-AMA.....	4
Il-Politika ta' Tibdil fl-AMA	4
Il-kategoriji ta' bidliet fl-AMA skont il-materjalità tagħhom	5
Sottomissjoni tal-Politika ta' Tibdil fl-AMA.....	5
Proċeduri superviżorji għal estensjonijiet u bidliet notevoli	6
Proċeduri superviżorji għal bidliet kbar.....	6
Proċeduri superviżorji għal bidliet żgħar	7
Titolu III- Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni	7
Dispożizzjonijiet tranżitorji	7
Data ta' applikazzjoni	7
Anness 1 – Kriterji għall-klassifikazzjoni ta' estensjonijiet u bidliet f'bidliet notevoli, kbar u żgħar.....	9
A) Estensjonijiet fil-qafas tal-AMA	9
B) Bidliet notevoli fl-AMA	9
C) Bidliet kbar fl-AMA	10
D) Bidliet żgħar fl-AMA	10

Titolu I - Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 1

Suġġett

Dawn il-Linji Gwida jarmonizzaw prattiki u proċeduri għall-prattiki interni ta' istituzzjonijiet u għat-trattament superviżorju ta' estensjonijiet u bidliet f'Approċċ ta' Kejl Avvanzat ('AMA') użat għad-determinazzjoni tal-allokazzjoni regolatorja ta' kapital għar-riskju operazzjonali.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni u livell ta' applikazzjoni

Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet kompetenti li jużaw AMA għall-finijiet ta' kalkolu tar-rekwiżit ta' kapital għar-riskju operazzjonali u, jekk jintuża l-AMA fuq bażi unifikata, għall-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE.

Titolu II- Rekwiżiti dwar estensjonijiet u bidliet fl-AMA

Artikolu 3

II-Politika ta' Tibdil fl-AMA

1. Istituzzjoni għandha tapprova l-livell ġerarkiku xieraq, u għandha timplimenta politiki interni għal estensjonijiet u bidliet fl-AMA (II-Politika ta' Tibdil fl-AMA), inklużi proċeduri u responsabilitajiet għall-approvazzjoni interna tal-estensjonijiet u bidliet fl-AMA, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-karatteristiċi ta' organizzazzjoni tagħha u l-ispeċifitajiet tal-AMA.
2. Fi ħdan Politika ta' Tibdil fl-AMA, l-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-prinċipji u l-proċeduri tagħha għall-klassifikazzjoni u l-approċessar ta' estensjonijiet u bidliet ippjanati fl-AMA. Dan għandu jinkludi kriterji xierqa għall-klassifikazzjoni ta' bidliet possibbli u l-proċessi u r-responsabilitajiet interni għall-implimentazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' estensjonijiet u bidliet fl-AMA.
3. Il-klassifikazzjoni tal-estensjonijiet u l-bidliet ippjanati fl-AMA għandhom isiru f'erba' kategoriji deskritti hawn taħt (fl-Artikolu 4). Il-kriterju bażiku għall-klassifikazzjoni tal-Estensjonijiet u bidliet ippjanati fl-AMA huma elaborati fl-Anness għal dawn il-Linji Gwida. Minkejja dan, fil-Politika ta' Tibdil fl-AMA tagħhom l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu biss dawg il-kriterji li japplikaw għall-AMA speċifiku tagħhom, u għandhom ikomplu jiżviluppaw kriterji fuq dawg deskritti fl-Anness, filwaqt li jqisu bis-sħiħ l-ispeċifitajiet li japplikaw għall-AMA tagħhom.

4. Barra dan, il-Politika ta' Tibdil fl-AMA għandha tipprovdi għal reviżjoni interna jew esterna indipendenti tal-estensjonijiet jew tal-bidliet notevoli ppjanati.
5. L-istituzzjoni għandha teżamina mill-ġdid u taġġusta l-Politika ta' Tibdil fl-AMA sabiex din tirrifletti l-bidliet fi ħdan il-governanza interna jew il-qafas tal-AMA tagħha kif ikun xieraq.
6. Il-Politika ta' Tibdil fl-AMA u l-applikazzjoni tagħha għandha tkun soġġetta għal reviżjoni regolari indipendenti.

Artikolu 4

Il-kategoriji ta' bidliet fl-AMA skont il-materjalità tagħhom

1. Il-Politika ta' Tibdil fl-AMA għandha tuża dawn il-kategoriji ta' estensjonijiet u bidliet:
 - a. Estensjonijiet;
 - b. Bidliet notevoli;
 - c. Bidliet kbar; u
 - d. Bidliet żgħar.
2. Il-klassifikazzjoni ta' kwalunkwe bidla maħsuba ma għandhiex titqies waħedha iżda minflok għandha tiġi vvalutata b'rabta ma' bidliet oħrajn li jkunu saru qabel, li jkunu ppjanati li jidħlu fis-seħħ fl-istess żmien, jew bidliet li diġà jkunu ġew ippjanati għall-ġejjieni.
3. Il-kategoriji u, sa ċertu punt skont kemm ikun applikabbli għal kull istituzzjoni, il-kriterji ta' klassifikazzjoni tat-tipi differenti tal-bidliet imsemmija iktar 'il fuq għandhom jiġu integrati fl-Politika interna ta' Tibdil fl-AMA. L-istituzzjoni għandha żżid iktar dettalji mal-Politika ta' Tibdil fl-AMA li jkunu konsistenti mal-karatteristiċi tal-governanza interna u l-qafas tal-AMA tal-istituzzjoni.
4. F'każi li fihom il-klassifikazzjoni ta' bidla bbażata fuq l-impatt kwantitattiv attwali fuq il-kapital regulatorju u l-klassifikazzjoni tal-istess bidla bbażata fuq kriterji kwalitattivi jkunu differenti, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw il-bidla rilevanti fil-kategorija tal-ogħla materjalità.
5. Ikkunu xi jkunu l-kriterji pprovduti għall-klassifikazzjoni tal-bidliet possibbli f'Politika ta' Tibdil fl-AMA ta' istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jżommu d-dritt li jerġgħu jikklassifikaw il-materjalità ta' bidla attwali fl-AMA u japplikaw il-proċeduri ta' superviżjoni rispettivi skont dawn il-Linji Gwida.

Artikolu 5

Sottomissjoni tal-Politika ta' Tibdil fl-AMA

1. L-istituzzjoni jew, jekk l-AMA tintuża fuq bażi unifikata, l-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE, għandha tippreżenta l-Politika ta' Tibdil fl-AMA tagħha u kwalunkwe modifika sussegwenti fiha lill-awtorità kompetenti.

2. L-istituzzjonijiet li japplikaw biex jużaw AMA għandhom jippreżentaw ukoll lill-awtoritajiet kompetenti Politika ta' Tibdil fl-AMA bħala parti mid-dokumentazzjoni meħtieġa.

Artikolu 6

Proċeduri superviżorji għal estensjonijiet u bidliet notevoli

1. L-implimentazzjoni ta' estensjonijiet u bidliet notevoli fl-AMA, kif iddefinita skont il-kriterji li jinstabu fl-Anness, kapitoli A u B, għandha tkun soġġetta għal approvazzjoni speċifika mill-awtoritajiet kompetenti. Il-proċedura applikabbli biex tinkiseb approvazzjoni superviżorja bħal din għandha tkun dik deskritta fid-dispożizzjonijiet tal-'Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Validazzjoni' u għandha tiġi applikata kif xieraq.

Nota spjegattiva:

Il-Linji Gwida tal-KSBE dwar il-Validazzjoni tal-Mudelli (ppubblikati fl-4 ta' April 2006) jistgħu jinstabu fuq is-sit elettroniku tal-ABE taħt 'Pubblikazzjonijiet'. Għall-valutazzjoni ta' bidliet fil-mudelli, il-partijiet tal-Linji Gwida dwar il-Validazzjoni tal-Mudelli li huma relatati mal-proċeduri, ta' kooperazzjoni bejn il-post ta' oriġini u dak ospitanti, il-proċessi ta' approvazzjoni u ta' wara l-approvazzjoni (Sezzjoni 2) għandhom importanza assoluta.

2. Istituzzjoni li tixtieq testendi jew tibdel b'mod notevoli l-AMA għandha tippreżenta applikazzjoni mal-awtorità kompetenti fil-ħin u qabel l-implimentazzjoni ppjanata, u għandha wkoll tippreżenta d-dokumentazzjoni meħtieġa biex jiġi vvalutat jekk l-AMA estiż jew mibdul għadux konformi mar-rekwiżiti regolatorji, inklużi, bħala minimu:
 - a. id-deskrizzjoni tal-estensjoni jew tal-bidla notevoli;
 - b. il-motivazzjoni tagħhom, l-għan u l-effetti mistennija fuq il-kapital regolatorju tal-AMA; u
 - c. ir-rapport tar-reviżjoni indipendenti tal-estensjoni jew il-bidla notevoli ppjanata.
3. Wara li tirċievi l-applikazzjoni sħiħa, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-estensjoni proposta jew il-bidla notevoli, tibda l-proċess ta' approvazzjoni xieraq u mbagħad tiddeċiedi jekk tagħtix lill-istituzzjoni permess biex testendi u/jew tibdel b'mod notevoli l-qafas tal-AMA.
4. L-approvazzjoni ta' estensjoni jew bidla notevoli kkomunikata lill-istituzzjoni tista' tkun marbuta ma' kundizzjonijiet ta' twettiq ta' azzjonijiet addizzjonali (eż. tħaddim parallel tal-qafas il-qadim u l-ġdid tal-AMA) jew tista' tkun akkumpanjata minn rakkomandazzjonijiet biex isir titjib fil-partijiet estiżi u/jew mibdula tal-AMA. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jispjegaw il-motivazzjonijiet ta' dawn il-kundizzjonijiet u/jew rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 7

Proċeduri superviżorji għal bidliet kbar

1. Istituzzjoni għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti fil-ħin u qabel l-implimentazzjoni ppjanata dwar kull bidla kbira fl-AMA tagħha (skont l-Anness, kapitolu C). Għandha tipproduċi d-dokumenti meħtieġa, inkluża spjegazzjoni tal-bidla, il-motivazzjoni tagħha, l-għanijiet u l-effetti tagħha fuq il-kapital regolatorju tal-AMA.
2. L-awtorità kompetenti għandha tevalwa l-bidla fl-AMA u tgħarraf lill-istituzzjoni bi kwalunkwe għanijiet regolatorji għall-bidla. Dan jista' jinvolvi azzjonijiet ta' rimedju rrakkomandati jew obbligatorji, suġġerimenti għat-titjib possibbli tal-partijiet ġodda/mibdula, jew talbiet speċifiċi oħrajn (eż. tħaddim parallel tal-qafas l-antik u l-ġdid tal-AMA) u l-motivazzjoni tagħhom.
3. L-istituzzjoni għandha tapplika l-bidla għal finijiet regolatorji biss wara li tkun irċeviet tweġiba ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.
4. Jekk l-awtorità kompetenti terġa' tikklassifika l-bidla bħala estensjoni jew bidla notevoli, għandha tgħarraf lill-istituzzjoni u għandhom isiru applikazzjoni formali u proċess ta' approvazzjoni separati kif jitlob l-Artikolu 6.

Artikolu 8

Proċeduri superviżorji għal bidliet żgħar

1. Anki bidliet żgħar fl-AMA għandhom ikunu parti mill-Politika ta' Tibdil fl-AMA u għandhom jiġu ddokumentati kif xieraq.
2. L-awtorità kompetenti għandha titlob lil istituzzjoni tal-AMA tinnotifika bidliet żgħar tal-inqas fuq bażi annwali. Dawn il-bidliet jistgħu jiġu riveduti fi ħdan reviżjonijiet oħrajn tal-AMA, mhux speċifikament iffokati fuq ir-reviżjoni tat-tali bidliet.

Titolu III- Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet tranżitorji

L-istituzzjoni li jkunu rċieview approvazzjoni tal-AMA sal-31 ta' Diċembru 2011 jew istituzzjonijiet li jkunu applikaw għal AMA qabel it-30 ta' Ġunju 2012, għandhom jintalbu jippreżentaw il-Politika ta' Tibdil fl-AMA tagħhom lill-awtorità kompetenti rilevanti sat-30 ta' Ġunju 2012.

Artikolu 10

Data ta' applikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti tal-UE għandhom jimplimentaw il-Linji Gwida billi jinkorporawhom fi ħdan il-proċeduri superviżorji tagħhom sas-6 ta' Marzu 2012. Wara dik id-data, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mal-Linji Gwida b'mod effettiv. Fi

ħdan ir-regoli nazzjonali tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-estensjonijiet u bidliet tagħhom fl-AMA lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod kif l-awtoritajiet kompetenti jibagħtu t-tweġibiet tagħhom lill-istituzzjoni.

Anness 1 – Kriterji għall-klassifikazzjoni ta' estensjonijiet u bidliet f'bidliet notevoli, kbar u żgħar

Dan l-Anness jagħti lista mhux eżawrjenti ta' każijiet li huma kklassifikati bħala eżenzjonijiet, u bidliet notevoli, kbar u żgħar. Din il-lista taġixxi bħala gwida biex jiġu kklassifikati l-bidliet skont il-materjalità tagħhom.

A) Estensjonijiet fil-qafas tal-AMA

1. Estensjonijiet fis-sistema ta' kejl huma:
 - a. It-tnaqqis ta' darba tal-kapital regolatorju tal-AMA bil-kumpens għat-telf mistenni;
 - b. Introduzzjoni ta' darba tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali (eż. assigurazzjoni jew mekkaniżmu ieħor ta' trasferiment tar-riskju);
 - c. Introduzzjoni ta' darba tal-benefiċċji ta' diversifikazzjoni; u
 - d. Introduzzjoni ta' darba ta' mekkaniżmu ta' allokkazzjoni fil-livell ta' grupp.
2. It-tipi li ġejjin ta' estensjonijiet jew bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-AMA għandhom jitqiesu estensjonijiet fil-qafas tal-AMA, iżda biss jekk ikollhom influwenza notevoli fuq il-profil ta' riskju tal-istituzzjoni:

Nota spjegattiva:

Meta jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' kapital għar-riskju operazzjonali, l-istituzzjonijiet jridu jqisu bis-sħiħ fużjonijiet u akkwizzizzjonijiet u bidliet fl-istruttura interna tan-negozju. Dan iħalli impatt ukoll fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-użu ta' AMA. Jekk it-tali estensjonijiet jew bidliet ikollhom influwenza dgħajfa biss fuq il-profil ta' riskju, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw it-tali bidliet mingħajr proċess ta' approvazzjoni minn qabel u jinkludu dawk il-bidliet fil-kategorija ta' bidliet kbar u/jew żgħar.

- a. Estensjoni għall-partijiet tal-istituzzjoni li ma jkunux għadhom koperti mill-approvazzjoni, jekk ma jkunux jinstabu fil-pjan ta' tnedija ppreżentat mal-applikazzjoni għall-użu tal-AMA; u
- b. Varjazzjoni ta' Użu Parzjali applikat sa issa relatat ma' postijiet, unitajiet legali jew unitajiet tan-negozju individwali, jekk jkunx jinstab fil-pjan ta' tnedija ppreżentat mal-applikazzjoni għall-użu tal-AMA.

B) Bidliet notevoli fl-AMA

Il-bidliet notevoli fl-AMA jinkludu:

- a. Bidliet fundamentali fl-istruttura u l-karatteristiċi tas-sett ta' dejta ta' kalkolu (eż. użu tal-ewwel darba ta' sorsi ġodda esterni ta' dejta, bdil minn sorsi esterni u inkorporati ta' dejta);
- b. Bidliet fundamentali fis-sistema ta' kejl minħabba bidla fil-logiki u l-metodi (eż. bidla minn approċċi essenzjalment relatati ma' dejta għal mudelli primarjament ibbażati fuq xenarji jew viċe-versa,

bidliet fil-kriterji għall-użu jew il-peżar tal-erba' elementi u l-bidliet fis-suppożizzjonijiet distribuzzjonali/fil-proċedura ta' stima tal-parametri), jew għal bidliet importanti fi ħdan l-istruttura tal-grupp (eż. abbandun ta' unitajiet importanti tan-negozju, inklużi sussidjarji);

- c. Bidliet fil-loġiki u l-ixprunaturi tal-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni; u
- d. Bidliet fundamentali fl-istruttura tal-organizzazzjoni u tal-operazzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju operazzjonali, speċjalment jekk ikun sar xi impatt fuq l-indipendenza tagħhom (eż. miżuri li joħolqu kunflitti ta' interess jew li jillimitaw id-disponibilità tar-riżorsi).

C) Bidliet kbar fl-AMA

Il-bidliet kbar fl-AMA jinkludu:

- a. Bidliet fil-proċeduri interni tal-istituzzjoni għall-ġbir ta' dejta ta' telf intern, issir analiżi tax-xenarju u jinstab l-ambjent tan-negozju u l-fatturi ta' kontroll intern;
- b. Bidliet fis-sistema ta' kejl minħabba l-modifika fil-loġiċi jew il-metodi, jew bidliet fl-istruttura tal-grupp (eż. bidliet fid-data ta' referenza u/jew fil-perjodu ta' osservazzjoni għall-bini ta' sett ta' dejta ta' kalkolu, bidliet fil-kriterji/tekniki biex jiġu stabbiliti l-livelli limiti ta' mmudellar *de minimis* u/jew *body-tail*, bidliet fil-granularità tal-mudell, bidliet fil-kriterji/tekniki għad-determinazzjoni ta' telf mistenni, tekniki ta' mitigazzjoni u korrelazzjonijiet rikonoxxuti approvati minn qabel.);

Nota spjegattiva:

Il-livell limitu ta' mmudellar *de minimis* jirrappreżenta l-livell tat-telf li fuqu l-mudell jitqabbel mad-dejta; il-livell limitu ta' mmudellar *body-tail* jirrappreżenta l-livell tat-telf li jiddistingwi r-regġuni tal-*body* u tat-*tail*, tipikament stabbiliti b'metodi differenti.

- c. Bidla relevanti tas-sistemi informatiċi għall-qafas tal-AMA, l-amministrazzjoni tad-dejta jew il-proċeduri ta' rapportar;
- d. Bidliet fil-loġika tal-istituzzjoni u l-metodi użati minnha għall-validazzjoni u r-reviżjoni interna tal-qafas tal-AMA; u
- e. Bidliet li jikkaġunaw modifika konsiderevoli fl-allokkazzjoni ta' kapital għar-riskju operazzjonali. Il-modifika għandha tiġi kkalkolata billi titqabbel il-figura ta' kapital li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-mudell attwali tal-AMA u l-mudell propost wara l-bidliet. Jekk l-AMA jiġi applikat fuq bażi unifikata, il-modifika trid tiġi kkalkolata fil-livell tal-grupp biss. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jstabbilixxu livell limitu biex jiddefinixxu sewsew x'jikkostitwixxi modifika notevoli.

D) Bidliet żgħar fl-AMA

Il-bidliet kollha li ma jissodisfawx il-kriterji ddefiniti fil-Politika ta' Tibdil fl-AMA tal-istituzzjoni taħt waħda mill-kategoriji ta' qabel (A-C) ta' hawn fuq u li ma jaqgħux taħt waħda minn dawn il-kategoriji anki meta jiġu

kkunsidrati f'rabta ma' bidliet oħrajn, skont il-punt 4.2 tal-Linji Gwida stipulat iktar 'il fuq, għandhom jitqiesu li huma bidliet żgħar fl-AMA.